

Brussell, 15 ta' Mejju 2018
(OR. en)

8756/18

AGRI 223
AGRIFIN 43
FIN 376
ENV 285
CLIMA 75

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Rapport Speċjali Nru 21/2017 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titolu: "Ekoloġizzazzjoni: skema aktar kumplessa ta' appoġġ għall-introjt, li għadha mhijiex ambjentalment effettiva" - <i>Konklużjonijiet tal-Kunsill (14 ta' Mejju 2018)</i>

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar:

Rapport Speċjali Nru 21/2017 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titolu: "Ekoloġizzazzjoni: skema aktar kumplessa ta' appoġġ għall-introjt, li għadha mhijiex ambjentalment effettiva"

adottati mill-Kunsill fit-3615-il laqgħa tiegħu li saret fl-14 ta' Mejju 2018.

KONKLUŻJONIJET TAL-KUNSILL

dwar ir-Rapport Speċjali Nru 21/2017 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titolu:

"Ekoloġizzazzjoni: skema aktar kumplessa ta' appoġġ għall-introjt, li għadha mhijiex ambjentalment effettiva"

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

- (1) JILQA' r-Rapport Speċjali Nru 21/2017 tal-Qorti dwar l-ekoloġizzazzjoni, li janalizza jekk is-sistema għall-ekoloġizzazzjoni hijiex imfassla, sorveljata u implimentata biex ittejjeb il-prestazzjoni ambjentali u klimatika tagħha, f'konformità mal-oġettivi stabbiliti fil-leġislazzjoni rilevanti tal-UE, bħall-Politika Agrikola Komuni (PAK).
- (2) JAGĦRAF il-potenzjal għat-titjib tas-sostenibbiltà tal-PAK u JEMMEN li l-pagamenti ta' ekoloġizzazzjoni introdotti fir-riforma tal-PAK tal-2013 ħolqu kumplessità u burokrazija addizzjonali, huma diffiċli biex jinftehm u x'aktarx li ma jipprovdu l-ebda benefiċċju sinifikattiv għall-ambjent u l-klima;
- (3) JINNOTA r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti lill-Kummissjoni, li għandhom jitqiesu meta jkunu qed jiġu żviluppati proposti għar-riforma li jmiss tal-PAK, bħal fir-rigward ta':
 - il-ħtieġa ta' loġika ta' intervent kompluta biex il-PAK tikkontribwixxi għal oġettivi ambjentali u relatati mal-klima;
 - ir-rabta bejn normi ambjentali bażiċi u l-linja bażi ambjentali mal-pagamenti u l-penali għal nuqqas ta' konformità;
 - azzjoni programmata aktar b'saħħha bbażata fuq il-kisba ta' miri ta' prestazzjoni lil hinn mil-linja bażi ambjentali sabiex ikunu indirizzati ħtiġijiet speċifiċi u lokali;

(4) JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tindirizza t-tħassib speċifiku tal-Istati Membri fir-rigward tal-arkitettura ta' ekoloġizzazzjoni attwali tal-PAK, li għandha tiġi indirizzata fir-riforma li jmiss tal-PAK, inkluż:

- l-attenzjoni fuq miżuri mmirati sabiex jinkisbu kemm politika effettiva kif ukoll simplifikazzjoni;
- it-tnaqqis tal-piż amministrattiv biex jinkisbu objettivi ambjentali u relatati mal-klima tal-PAK;
- is-simplifikazzjoni tar-rekwiżiti futuri fir-rigward tal-arkitettura ekoloġika u l-evitar ta' duplikazzjonijiet bejniethom;
- l-iżgurar ta' aktar sussidjarjetà u flessibbiltà sabiex jittieħed kont ta' speċifitàjiet nazzjonali u reġjonali meta jitfasslu interventi filwaqt li jenħteġ li jiġi stabbilit livell komuni ta' ambizzjoni dwar l-objettivi ambjentali fil-livell tal-UE sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni;
- ir-rikonoxximent tar-rwol importanti tal-bdiewa fit-twettiq tal-protezzjoni ambjentali u tal-klima bħala beni pubbliċi, li jiġġustifika remunerazzjoni adegwata għal prattiki agrikoli ta' benefiċċju għall-klima u l-ambjent;
- l-għoti ta' inċentivi effettivi lill-bdiewa biex jimpenjaw ruħhom fi prattiki ambjentali u klimatiċi aktar milli meħtieġ;
- l-iżgurar li l-azzjoni programmata bbażata fuq il-kisba tal-miri ta' prestazzjoni tenħteġ li tkun sempliċi, realistika, faċilment kwantifikabbli, kontrollabbli u applikabbli għar-realtajiet lokali;
- l-evitar ta' kwalunkwe dewmien u tfixkil fl-iżborż ta' pagamenti lill-bdiewa.